*Fl-okkażjoni ta' l-450 sena mill-mewt tal-Qaddis Patrun San Gejtanu, il-Bord Editorjali stieden lil Patri Serafin Borg u lil Tony Terribile biex jagħtu kontribuzzjoni tagħhom għal din il-ħarġa fuq suġġett li jagħżlu huma iżda b'konnessjoni mal-Qaddis jew mal-qima li jingħata ġewwa l-Ħamrun. Ġara li ż-żewġ kittieba għażlu bħala s-suġġett li fuqu kitbu, lill-Isqof li daħħal ġewwa Malta, b'mod partikolari fil-Ħamrun il-qima lejn San Gejtanu. Meta rajna dawn iż-żewġ artikli tħassibna li se nkunu ripetittivi, iżda ddeċidejna li ninkluduwhom it-tnejn f'parti ta' dan il-ktieb li niddedikawha lil dan l-Isqof li ħallielna wisq ħwejjeġ ta' mportanza għalina l-Ħamruniżi. Permezz ta' dawn iż-żewġ artikli ser insiru nafu mill-qrib u fid-dettall għadd kbir ta' fatti dwar...*

# Monsinjur Gaetano Pace Forno Isqof ta' Malta

**kitba ta' Patri Serafin Borg (agostinjan)**

Gejtanu Pace Forno iben l-avukat Franġisku Pace u tan-nobbli Luċija Baroni Forno minn Palermo, twieled ir-Rabat Għawdex fil-5 ta' Settembru 1807 u ġie mgħammed mill-arċipriet Dun Ġamri Gauci fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, illum Kolleġġjata u Bażilika. Fil-magħmudija tawh l-ismijiet ta' Gejtanu, Mikiel u Salvatore.

Wara trobbija u tħejjija tajba ingħaqad ma' l-Agostinjani bħala edukant fil-kunvent ta' Santu Wistin il-Belt Valletta. Fil-25 ta' Awissu 1824 libes il-libsa ta' Agostinjan fil-knisja ta' San Mark ir-Rabat Malta u fl-1826 beda l-istudji fil-filosofija u t-teoloġija hawn Malta u ssoktahom ġewwa Fermo fl-Italja. F'Napli ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Settembru 1832.

Patri Gejtanu Pace Forno kellu ħutu oħra fosthom Patri Franġisku imwieled ir-Rabat Għawdex fis-7 ta' Lulju 1813. Kien għammdu Dun Salv Pace fil-Parroċċa ta' San Ġorġ u ngħata l-ismijiet ta' Cletus, Josephus, Fortunatus u Angelus. Fl-10 ta' Ottubru 1833 ħaddan l-Ordni Franġiskan Konventwal u għadda ħajtu fil-kunvent ta' San Franġisk fir-Rabat Għawdex imma fl-aħħar snin ta' ħajtu kien 'de famiglia' fil-kunvent tar-Rabat Malta fejn miet fl-4 ta' April 1875 fl-għomor ta' 61 sena.

Inkomplu dwar Patri Gejtanu Pace Forno u nsibu li għallem f'diversi kunventi ta' l-Italja. Fl-1841 issejjaħ mill-Italja biex imexxi l-istudji fil-kunvent tar-Rabat Malta. Fl-1 ta' April 1843 kiseb b'suċċess il-lawrja ta' Majjistru fit-



**Il-Kwadru miżmum fid-Dar Parrokjali u li qabel kien fis-Sagristija tal-Knisja li juri lil Mons. Isqof Gejtanu Pace Forno iżomm dokument f'idu li fuqu hemm imniżżla l-ismijiet tal-membri tal-Kumitat li ħadem biex tinbena l-Knisja tal-Ħamrun, jiġifieri Dun Fortunato Valletta, Mikiel Ang Xerri, Giuseppe Sammut, Giobatta Muscat, Gaetano Lagresti, Emmanuele Imbroll, Giuseppe Muscat u Francesco Ellul**

Teoloġija u fl-istess sena intbagħat biex jgħallem fil-belt ta' Palermo.

F'kapitlu ġenerali miżmum f'Ruma fit-30 ta' Mejju 1847 inħatar Provinċjal u f'kapitlu ieħor miżmum f'Malta fil-11 ta' Diċembru 1854 reġa' ngħata l-istess kariga. F'din il-kariga wera l-kwalitajiet tiegħu bħala mexxej tajjeb, ħanin u qalbieni.

Ismu sar magħruf u maħbub meta kiseb il-permess mingħand il-Gvernatur ta' Malta, Sir Richard More O'Ferral, fl-10 ta' Jannar 1848 biex iwaqqaf l-iskola ta' Santu Wistin bla ħlas, il-Belt f'Malta u fost l-akbar ferħ u approvazzjoni ta' kulħadd infetħet fit-23 ta' Awissu ta' l-istess sena. Patri Pace Forno mexxiha b'għaqal u prudenza għal disa' snin. Kienet opra meħtieġa u ta' fejda u ismu baqa' marbut ma' l-Ordni Agostinjan u mal-paġna ta' l-istorja tal-Gżejjer tagħna.

Il-poplu tal-gżejjer tagħna kien qed ibati bil-qagħda spiritwali, anki minħabba l-qagħda politika. Il-ħajja kienet imqallba u kien meħtieġ ragħaj mimli saħħa, ħeġġa u ħidma.

Dik il-ħabta l-Isqof Sant kien qed imexxi d-Djoċesi ta' Malta. Kien Isqof mgħobbi biż-żmien u bil-mard iżda dan qatt ma talab kuġitur u lanqas ried jirriżenja. Għalhekk il-qagħda spiritwali marret lura.

Il-Kanonċi A. Casolani, F. Amato u E. Rossignaud kellhom il-merti tagħhom. Ilkoll kemm huma taw is-sehem tagħhom f'diversi oqsma. Dawn kienu qed jippretendu lkoll li jsiru Isqof ta' Malta iżda l-Gvern Ingliż, kif ukoll il-Vatikan sabu l-oġġezzjonijiet tagħhom.

L-għażla waqgħet fuq il-Patri Majjistru Gejtanu Pace Forno. Kienet għażla tajba u ta' bidla għall-aħjar. Id-Djoċesi kellha bżonn ta' persuna mżejna b'merti karattru sod u qalbieni kif ukoll ta' ħidma ħabrieka, bħalma kien Patri Gejtanu.

Kotra ta' xhieda juru li kien il-Patri Majjistru Pawlu Micallef, li kien magħruf u maħbub fil-Kongregazzjonijiet Rumani u li aktar tard inħatar Arċisqof ta' Pisa, li dik il-ħabta kien Vigarju Ġenerali ta' l-Ordni Agostinjana, li mexxa 'l quddiem lil Patri Pace Forno biex ikun maħtur Isqof ta' Malta u Għawdex.

Kien fil-Konċistoru tal-25 ta' Settembru 1857 li l-Papa Piju IX ħatru bħala Isqof ta' Ebron u Koġitur ta' l-



**Dehra artistika ta' kif kellha tkun il-Knisja ta' San Gejtanu ġewwa l-Ħamrun skond il-pjanti oriġinali. Gejtanu Pace Forno kien qiegħed l-ewwel ġebla ta' din il-knisja nhar il-5 ta' Ġunju 1869**

Isqof ta' Malta, Mons. Pubbliju dei Conti Sant. Ġie kkonsagrat Isqof fl-4 ta' Ottubru 1857 fil-knisja ta' Santu Wistin f'Ruma mill-Kardinal Patrizi.

Monsinjur Gejtanu Pace Forno ħa t-tmexxija tad-Djoċesi fit-3 ta' Diċembru 1857. Dam sbatax-il sena bħala Isqof u ħadem u bata matul il-veskovat tiegħu. Iżda b'imħabba u kuraġġ għaraf iħoll il-problemi li ltaqa' magħhom. Ħadem bi sħiħ fil-qasam ta' l-edukazzjoni, fit-trawwim tar-ruħ tal-kleru u għolla l-livell u kabbar it-tagħlim nisrani u żejjen għadd ta' parroċċi b'unuri li jixirqilhom.



Il-knisja ta' San Gejtanu fil-Ħamrun minn ġewwa, ġawhra f'qalb kull Ħamruniż u wirt li ħallielna l-Isqof

L-Isqof Gejtanu Pace Forno kien devot kbir ta' San Gejtanu il-Qaddis li tiegħu kien iġib l-isem. Bir-raġun kollu ismu hu marbut mal-Parroċċa ta' San Gejtanu l-Qaddis tal-Providenza, ġewwa l-Ħamrun. Hu ħadem bla heda biex il-Ħamrun isir Parroċċa u tkun dedikata lil San Gejtanu.

Il-poplu tal-Ħamrun għandu għax ikun kburi li għandu l-Qaddis San Gejtanu bħala Patrun tiegħu. Dan l-Isqof Agostinjan għen bi flusu biex il-knisja tal-Ħamrun tinbena. Fil-fatt biex jinbeda x-xogħol ħareġ 50 skud u baqa' jagħti kontribuzzjoni ta' 50 skud fix-xahar għal total li laħħaq 2350 skud, kollha minn butu b'riżq il-bini tal-Knisja. Barra minn dan kien hu li ħallas biex il-pittur Taljan il-Kavallier Pietru Gagliardi ipitter il-kwadru titurali tal-Knisja Ħamruniża.

Aktar minn hekk l-Isqof Gejtanu Pace Forno li kien qiegħed l-ewwel ġebla ta' din il-knisja, kompla bid-donazzjonijiet qawwija tiegħu b'riżqha u ħallas minn butu għall-artal ta' l-irħam u l-presbiterju.

L-Isqof Gejtanu Pace Forno kien għaref u ħaddem tajjeb il-kelma ta' Alla, iddefenda t-tagħlim tal-Knisja mill-qerq ta' dak iż-żmien u fuq kollox kien magħruf sewwa għad-dixxiplina ma' kulħadd u kullimkien saħansitra waqt iċ-ċerimonji u l-kant.

Wara ħajja mgħonija u mżejna b'tant virtujiet, miet fit-22 ta' Lulju 1874 ġewwa Napli. Wara li l-katavru tiegħu inġieb f'Malta, indifen fil-kattidral fil-Kappella ta' San Publiju.